8

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru 40

Kastilja, 11 ta' Lulju 1980

Prezenti:-

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna, Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru tal-Edukazzjoni |
| L-Onor Joe Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament. |

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Prezenti wkoll:-

Dr Edgar Mizzi
Is-Sur Maurice Abela
Is-Sur Joe Borg
Is-Sur George Agius
Is-Sur Edmond Micallef — Segretarju

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 39.

2/...

Il-Kabinett iddiskuta zewg 'items' pendenti ma' l-Italja, li huma;

1. Il-proposti tal-Ministru Pandolfi, u
2. Il-kuntratt ghall-Boilers tal-Power Station.

Il-Ministru Pandolfi li kien ic-Chairman tal-European Group ta' l-IMF, kien iltaqa ma' l-Ministru Cassar u is-Sur Lino Spiteri, Deputat Gvernatur tas-Central Bank, u stqarr li, bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru Taljan Cossiga, ried jaghmel proposti serji li kellhom iwasslu ghal ftehim sa' l-ahhar ta' Gunju 1980. Dawn il-proposti kienu jinvolvu li l-Gvern Taljan jaghmel 'grant' annwali lil Malta ta' 12-il miljun dollaru u mhux anqas minn 4 miljun dollaru f'ghajnuna teknika ghal hames snin li jibdew mill-1979, flimkien ma self ta' 15-il miljun dollaru bl-imghax ta' 3%, mifrux fuq perijodu ta' hames snin. Ghal dan il-ghan kien mehtieg li tghaddi ligi mill-Parlament Taljan li id-'draft' taghha kien ghadu qed jigi diskuss.

Wara sar maghruf li l-Ministru Colombo ried li qabel jikkonsulta mal-Gvern Franciz bil-hsieb li din il-ligi tigi mghoddija mill-Parlament Taljan qabel is-6 ta' Awissu 1980.

Dwar il-Boilers tal-Power Station il-Prim Ministru informa il-Kabinett li kienet saret pressjoni mis-Socjalisti Taljani biex l-offerta tinghata lil ditta Taljana. Ghalkemm kien gie propost li it-Tender ikun maqsum bejn it-Taljani u il-Gappunizi, it-Taljani ma setghux jinzlu ghall-prezz offrut mill-Gappunizi u, barra minn dan, kienu qed jinsistu li l-hlas isir bid-Deutsch-Marks. Minkejja x-xewqa li t-Taljani jiehdu parti minn dan ix-xoghol, il-Kabinett qabel li l-offerta Taljana ma setghetx tigi milqugha.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

<u>ZEJT</u> Wara il-Kabinett iddiskuta is-sitwazzjoni taz-zejt. Skond l-ahhar informazzjoni, il-prezz taz-zejt kien niezel u, minhabba l-provvisti li diga kienu fi triqthom lejn Malta u provvisti ohra skond il-ftehim mas-Sawdi Arabja, il-Qatar u l-Iraq, il-Ministri qablu li kien ser ikollna bizzejjed biex inbieghu kemm il-'crude' kif ukoll il-'product'; ghal dan il-ghan ghandhom isiru kuntatti mmedjati mal-Bulgarija u mal-ENI, fost ohrajn.

3/...

LIBJA Matul l-ahhar zjara tieghu f'Malta, fl-ewwel gimgha ta' Lulju, il-Ministru Libjan Shahati kien gie nfurmat li l-Kabinett Malti kien iddecieda li ma kienx bi hsiebu jistenna izjed li jmur arbitration dwar il-linja medjana u li ghalhekk konna ser nibdew it-thaffir ghaz-zejt fil-Blokki Maltin, sa distanza ta' hmistax-il mil mill-Median Line u li din id-distanza ma kellhiex tinzamm ghal perijodu twil.

Il-Ministru Shahati kien gie infurmat ukoll li Malta ma tkun qatt lesta li tippermetti facilitajiet militari lil hadd u lanqas lill-Libja.

Il-Kabinett, waqt li rega kkonferma dawn id-decizjonijiet, iddecieda li l-Prim Ministru m'ghandux imur ghal tahdidiet fil-Libja qabel ma l-President Gaddafi jigi Malta ghall-istess ghan u dan peress li l-Prim Ministru kien diga pprova darbtejn minghajr success.

AFFARIJIET INTERNI Il-Ministri qablu li kien mehtieg li il-mizuri li kienu qed jitwettqu fit-Tarzna jirnexxu; it-Tarzna me setghetx timxi l-quddiem minghajr 'work force' dixxiplinata u ghalhekk dawn il-mizuri kien mehtieg li jitwettqu bil-qawwa kollha.

Fl-ahharnett, il-Ministri qablu li jinzamm "Mass Meeting" f'Birzebbugia, is-Sibt 19 ta' Lulju u, wara l-aggornament tal-Parlament, il-Ministri jqassmu il-leave taghhom biex kulhadd ikun rega lura fil-kariga sa' l-1 ta' Settembru.

25/7/80.
.......................... ......................
Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA